MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud u
Sp Neville Xuereb)
vs
Ramadan Shabaan Maftah, iben
Ramadan, imwieled il-Libja fit-22
ta' frar, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-12 ta' ġunju, 2001 għal ħabta tal-4.15 a.m. ġewwa san Ġiljan, mingħajr
il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nabir Mohammed El-Gemoudi;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja

tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;
4. talli sar reċidiv billi kkometta reat ieħor wara li kien ġie kkundannat għal reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tad-29 ta' Lulju, 1997.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi, tiddikjara lill-istess Ramadan Shabaan Maftah bħala mmigrant projbit u toħroġ fil-konfront tiegħu, ordni ta' tkeċċija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-ġurnata u fil-ħin indikati hawn fuq kien hemm ġlieda bejn diversi persuni ta' nazzjonalita' libjana. Konsegwenza ta' din il-ġlieda Nabir Mohammed El-Gemoudi sofra ferita ta' natura ħafifa fuq irkoptu tax-xelluq. Nabir xehed li din il-ferita għamililu l-imputat permezz ta' sikkina u għamililu għal xejn b'xejn.

Illi l-imputat ta versjoni kompletament differenti ta' l-inċident u ċaħad li hu kellu xi sikkina f'idejh jew li ta b'xi sikkina lil Nabir. Anzi hu sofra ferita f'rasu b'daqqa ta' fliexkun u hu qasam sikkina li kien ġabar kuġinuh mill-art. Hu weġġa' idejh meta qasam din is-sikkina. Għandu jingħat li dak li għamel l-imputat kien biex jiddefendi lilu nnifsu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-versjoni ta' l-imputat hi kredibbli.

Illi llum l-imputat hu miżżewweġ mara maltija u ma saret ebda prova dwar il-fatt jekk fil-ġurnata ta' l-inċident hu kien immigrant projbit.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------